MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 1609/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera CGU Insurance plc,
kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat
taghha Joseph Gasan ghas-socjeta' International Automobiles
Limited kif wkoll l-istess International Automobiles Limited**

**Vs**

**Raymond Mintoff**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-9 ta' April 2000 fil-limiti tal-Floriana meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru GAI 236 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habit mal-vettura numru Nru EAQ 357 proprjeta ta' Joseph Gasan nomine, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici fl-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u (Lm878.00) jew somma ohra verjuri, bl-opra ta' periti nominandi u dawk sofferti mill-attur Joseph Gasan nomine fis-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) imhallsin bhala excess.

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00) ta' Ittra legali tal-21 ta' Gunju 2000 u ta' ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma'dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa reverentement:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attrici billi l-kollizzjoni meritu tal-kawza grat unikament minhabba t-tort u t-traskuragni tas-sewwieq tal-vettura assikurata mis-socjeta' attrici.
2. Illi l-konvenut jirrileva illi ma kellux fakolta jissindika l-quantum tad-danni mitluba u ghalhekk qieghed f'dana l-istadju jeccepixxi illi d-danni pretizi huma ezagerati.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi PS 1444 Kenneth Brignano (fol 20, fol 83 u fol 101 et seq ibid) wara li sema’ illi f’dan il-kaz kienet saret inkjesta mill-Magistrat li kien ghassa fid-9 ta’ April 2000, spjega illi l-istess incident kien gara fin-nizla li mill-istatwa tal-iljun fil-Furjana taghti ghal Bieb il-Bombi u fih kienu involuti tlett karozzi cjoe dik bin-numru EAQ 357 misjuqa minn Joseph Tonna, ohra bin-numru JAL 274, li mhix imsemmija f’dan l-avviz, misjuqa minn Timothy Ripard u fl-ahhar nett dik bin-numru GAI 236 misjuqa mill-konvenut Raymond Mintoff. Fil-gurnata in kwistjoni, fil-ghodu, kienet ghamlet ix-xita u l-art kienet ghadha mxarrba. Inoltre x-xhud kien semma illi l-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta’ Blata l-Bajda u “minn naha ta’ fejn giet il-BMW misjuqa mill-konvenut kien hemm sinjal ta’ skiddjatura”. L-istess xhud a fol 21B et seq ibid esebixxa kopja tar-rapport dwar dan l-incident u fih nizzel dak li qalulu s-sewwieqa involuti fl-istess incident u dan kif ser jinghad:-

a) Joseph Tonna kien stqarr illi kien qed jsuq, ghan-nizla, wara l-vettura, misjuqa minn Timothy Ripard meta f’daqqa wahda, ra karozza tal-marka “BMW (dik misjuqa mill-konvenut) f’nofs it-triq. Il-karozza li kienet quddiemu, (misjuqa minn Timothy Ripard) habtet mal-BMW u avolja hu pprova jieqaf billi ghafas il-‘brakes’, hu habat mal-vetturi quddiemu.

b) Timothy Ripard stqarr illi hu kien qed jsuq lejn il-Marsa meta f’daqqa wahda, ra’ l-istess “BMW” gejja mid-direzzjoni tal-Marsa u misjuqa b’velocita eccessiva. Din l-istess vettura “skidded”, qasmet l-istrixxa centrali tat-triq, giet quddiemi u habat maghha. Ftit sekondi wara, l-vettura tieghu ntlaqtet minn ohra, (dik ta’ Joseph Tonna) li kienet warajh.

c) Raymond Mintoff, il-konvenut sostna illi kien qed isuq mid-direzzjoni tal-Marsa u, kif oltre passa Bieb il-Bombi, hu “skidded” u qasam l-istrixxa centrali.

Illi Joseph Tonna, impjegat mas-socjeta’ International Automobiles Limited (fol 22 u fol 108 et seq ibid) xehed illi kien niezel l-imsemmija nizla b’velocita baxxa u kien fuq

"… il-lane ta' mas-'centre strip' sabiex jghaddi minn taht il-mina ta' Bieb il-Bombi u jmur lejn Blata l-Bajda. Quddiemi kien hemm vettura ohra tal-marka Ford Escort b'distanza bejniethom ta' madwar erba'/hames karozzi. Hawnhekk, karozza ohra ta' kulur griz gejja mid-direzzjoni opposta "… qabzet is-'centre strip". Bhala konsegwenza, il-vettura li kienet quddiemu habtet ma' dik il-vettura u hu habat ma dik li kienet quddiemu. Hu sema' illi l-incident gara fi ftit sekondi u ma kellhux l-opportunita' sabiex jieqaf jew jiehu "evasive action" izda l-istess xhud semma illi meta ra li kien ser jahbat hu kien ".. qbadt il-mara" li kienet bil-qeghda hdejh (ara ix-xhieda ta' martu Carmen Tonna a fol 24 u 25 ibid).

Illi Timothy Ripard (fol 26 u fol 94 et seq ibid) xehed li hu kien ukoll qed jsuq fuq il-"lane" "… ta' mas-centre strip". Fuq in-naha tat-triq li kien fuqha, u li tikkonsisti fi tlett karreggjati kien hemm hafna traffiku. Ftit qabel Bieb il-Bombi, giet karozza ohra, minn naha l-ohra tat-triq u s-sewwieq ta' din jidher li tilef il-kontroll u qabes l-istrixxa centrali ("taret"). Difatti din il-karozza (misjuqa minn Raymond Mintoff) kienet qed iddur u "…giet quddiemi kwazi "T" mieghi u b'hekk hbattna" billi x-xhud dahal go fiha. Hu sostna illi l-ewwel darba li kien ra din il-vettura kien meta kienet ghadha fuq in-naha l-ohra tat-triq "… li qed iddur lejja" u illi "… kienet ghaddejja bi 'speed qawwi'. Wara, kien ra "… gejja ghal fuqi lateralment fis-sens li kienet qed tiskiddja ghal fuqi mill-genb". Ix-xhud spjega illi, wara l-habta hu kien intilef minn sensih. Difatti hu kellu diversi feriti konsistenti fi frattura f'wiccu, f'sidru u f'dahru. Meta gie prodott sabiex jixhed mill-konvenut, ix-xhud semma illi "Fuq in-naha taghna, it-traffiku kien miexi bil-mod hafna" u "… minhabba 'slow traffic', kont ghaddej xi madwar hames (5) mili fis-siegha" kif ukoll "Jiena nghid li t-traffiku ta' warajja kien ukoll miexi bil-mod, qabel l-impatt".

Illi, kif di gja ntqal, kienet inzammet inkjesta skond il-ligi u wiehed mill-esperti nominanti kien il-Perit Arkitett u Inginier Civili Richard Aquilina (fol 59 et seq ibid). Dan esebixxa kopja tar-relazzjoni sottomessa minnu fl-istess inkjesta ma' liema dokument hemm annessa pjanta

skalata li fuqha hi murija l-lokalita tal-istess incident kif ukoll il-posizzjoni tat-tlett (3) vetturi involuti, wara li l-istess kollisjoni grat. Jigi notat illi meta xehed hu qal li kif jidher mill-verbal tal-access li nzamm minnu fl-istess jum fil-4.45pm, l-art kienet xotta. Pero skond ir-rapport tal-Ufficjal tal-Pulizija hawn fuq imsemmi, il-hin tal-incident kien in-12:30pm u, kif jidher a fol 21F, l-istess Ufficjal kien ra li t-triq kienet tizloq u kienet ix-xita.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 102 et seq ibid) jsostni fix-xhieda tieghu illi kien sejjer lejn il-Furjana billi jghaddi minn gol-mina tax-xellug ta' Bieb il-Bombi. Dak il-hin kienet niezla x-xita u "… kien hemm iz-zlieq tax-xita fuq it-triq" waqt li quddiemi kien hemm madwar tlett (3) karozzi. Waqt li sahaq li ma kienx qed jsuq b'velocita kbira, "Kif tlaqt it-telgha ezatt, il-karozza tieghi skidjatli" u hu tilef il-kontroll taghha. Bhala konsegwenza, hu spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq ('wrong side') b'hafna karozzi gejjin ghal fuqu. Hu spjega dan kollu billi qal "… skidjajt minhabba z-zlieq tax-xita u disgha u disghin fil-mija (99%) kien hemm ukoll xi roqgha zejt". Inoltre hu semma' li l-karozza uzata minnu "… kellha sentejn u t-'tyres' kienu kwazi godda". B'referenza ghall-vetturi li kien qed jinsaqu, dawn "… baqghu telghin b'mod normali u ma skidjawx".

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, wiehed jista' jikkonkludi a bazi taghhom is-segwenti:-

a) Mill-istess provi ghandu gie eskluz illi dan l-incident kien b'xi mod, anke fuq livell ta' kontributorjeta, ikkawzat minn xi forma ta' negligenza fis-sewqan da parti ta' Timoty Ripard u Joseph Tonna.

b) Dwar il-kwistjoni ta' "skidding", jigi notat illi l-Qrati lokali, dejjem ikkonsidraw dan il-fattur bhala wiehed newtrali sabiex jigi deciz jekk sewqan kienx negligenti jew le.

c) Dwar l-ahhar punt, ghalhekk wiehed ghandu jara jekk kienx hemm xi fattur iehor li kkawza l-'skid' tal-vettura

misjuqa mill-konvenut. Dwar dan ghandu jinghad illi l-istess konvenut xehed li kien qed jsuq karozza f'kondizzjoni tajba specjalment in rigward dik tat-'tyres' waqt li hu kull ma' semma kien illi seta' kien hemm roqgha zejt li, pero', bl-ebda mod ma giet pruvata mill-evidenza oggettiva f'dan il-kaz. Inoltre, avolja gie pruvat illi it-triq kienet imxarrba, il-vetturi li kienu quddiemu fuq l-istess naha tat-triq, insaqu fid-direzzjoni tal-Furjana b'mod normali u minghajr ebda 'skidding'. Ghalhekk il-Qorti tara u dan fuq bazi ta' probabilita izda cirkostanzjali, illi l-konvenut 'skiddja' effettivament minhabba sewqan imprudenti da parti tieghu qabel l-istess "skid" billi kien qed jsuq b'certa velocita li ma kellhiex tintuza, tenut kont tal-istat imxarrab tat-triq. Mill-valutazzjoni tal-provi, din hi l-unika spjegazzjoni ghall-akkadut u ghalhekk, il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli, delittwalment, ghal dan l-incident bil-konsegwenzi kollha tieghu.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' mitlub, b'kollox Lm903.00, ma ingiebet ebda prova kontrarja in kontestazzjoni ta' dan l-ammont, li gie pruvat permezz ta' dokumenti varji li jinsabu annessi mal-atti (ara fol 41, fol 34 et seq ibid) u bl-ebda mod ma jista' jigi konsiderat bhala esagerat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :-

a) Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in esami u ghad-danni konsegwenzjali u dan minhabba negligenza, impurdenza u ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

b) Tillikwida l-ammont globali ta' danni fl-ammont ta' Lm903.00 ossija €2103.42

c) Tikkunanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm878.00 ossija €2045.19 u lis-socjeta attrici "International Automobiles Limited" is-somma ta' Lm25 ossija €58.23 bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjes inklusi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm15 ossija €34.94, tal-ittra legali tal-21 ta’ Gunju 2000 u ta’ dik ufficjali tal-20 ta’ Novembru 2000, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------